MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2019

Rikors Numru 80/2018 LM

**James Vella u Christopher Scerri**

***vs.***

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors imressaq fis-6 ta' Awwissu, 2018 mir-rikorrenti **James Vella** (K.I. numru 469180M) u **Christopher Scerri** (K.I. numru 419778M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti") fejn issottomettew dan li ġej:

> *Illi l-esponenti tressqu nhar il-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja akkużati fost l-oħrajn talli nhar it-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' fil-għodu (0530am) flimkien ma' persuni oħra f'San Ġwann doložament bil-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' Alphonse Ferriggi impjegat mal-Bank of Valletta f'periklu ċar, sparawlu tir ta' arma tan-nar (senter) fid-*

*direzzjoni tiegħu u kkaġunawlu l-mewt fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud) vs James Vella u Christopher Scerri;*

*Illi dan ifisser illi l-esponenti tressqu b'reati illi jirrisalu għas-sena elfejn (2000) u ċioé erbatax-il (14) sena wara l-imsemmi akkadut;*

*Illi l-Avukat Ġenerali fl-imsemmija proċeduri kriminali ressaq ix-xhieda kollha neċessarji iżda baqa' jinsisti fuq ix-xhud Richard Grech liema xhud għandu appell pendenti u għalhekk ma setax jixhed waqt il-proċeduri;*

*Illi fil-fatt l-Avukat Ġenerali kien ilu jinsisti għax-xhud Richard Grech sa mill-ewwel rinviju tiegħu datat erbgħa (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Illi f'kull rinviju sussegwenti l-Avukat Ġenerali baqa' jagħmel l-istess talba u ċioé sabiex jitressaq jixhed fil-mument opportun Richard Grech;*

*Illi iżda jiġi rilevat illi x-xhieda kollha apparti Richard Grech tressqu u taw id-depożizzjoni tagħhom u fil-fatt fil-proċeduri odjerni kull ma għad fadal jiddeponi huwa Richard Grech. Illi jirriżulta b'mod ċar li l-unika u l-aħħar xhud illi jonqosha l-Prosekuzzjoni huwa Richard Grech illi iżda għalissa ma jistax jiddeponi għax għandu l-appell pendenti. Illi dan l-istat ta' fatt ilu sejjer issa għal dawn l-aħħar sentejn fejn fil-fatt mill-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) sal-aħħar rinviju dejjem qiegħed ikun hemm l-istess rinviju:*

*'Tisma' lil Richard Grech sabiex fl-istadju opportun jixhed dwar il-fatti magħrufa minnu u tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-Pulizija jidhrilha xierqa li tressaq';*

*Illi jiġi rilevat illi Richard Grech qatt ma ttella' jixhed u jispjega bil-ġurament illi verament għandu proċeduri kriminali pendenti u li qegħdin fl-istadju ta' appell u l-esponenti qegħdin jistrieħu biss fuq dikjarazzjonijiet magħmula mill-Uffiċjal Prosekutur meta suppost jittella' jixhed il-persuna kkonċernata u jispjega li ma jistax jinkrimina lilu nnifsu minħabba l-proċeduri kriminali pendenti;*

*Illi dan ifisser illi l-esponenti ilhom għal dawn l-aħħar sentejn jitilgħu l-Qorti bażikament għalxejn stante illi l-aħħar xhud tal-Prosekuzzjoni ma jistax jagħti d-depożizzjoni tiegħu u dan l-istat ta' fatt ikompli jaggrava ruħu meta wieħed jikkunsidra l-fatt illi l-esponenti tresqu fuq każ li allegatament seħħ tmintax-il sena ilu;*

*Illi d-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ġie stabbilit permezz ta' ġurisprudenza kopjuża u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Illi huwa dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata fi żmien raġonevoli, liema dritt huwa tassattivament imponut fuq kull Stat. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-*

*Bniedem fil-każ '**Vacaturo vs Italy**' deċiża fl-24 ta' Mejju tas-sena 1991 u fil-każ '**G.H. vs Austria**' deċiż fit-3 ta' Ottubru ta-sena 2000 irrriteniet:*

> *"It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligation **within a reasonable time**."*

*Illi dan irid jittieħed fil-kuntest ta' dak li jingħad fis-sentenza fl-ismijiet '**Major Manduca vs il-Prim Ministru**', mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar, 1995, fejn hemm ukoll referenza għall-insenjament tal-ktieb ta' **Van Dyke and CJF Van Hoof** li jipprovdi li:*

> *"Overburdening of the judiciary in general is not recognised as an excuse since the contracting parties have the general duty to organise the administration of justice in such a way that the trial Court can satisfy the requirements of Article 6."*

*Illi hawn huwa opportun li jirreferi għal dak li ġie ritenut fis-sentenza '**John Saliba vs Avukat Ġenerali et**', (P.A. (S.K.) (GCD) Rik. Nru. 625/97/GCD – 24 ta' April, 1998):*

> *"Għalkemm huwa minnu li ma hemmx kriterju astratt dwar meta ż-żmien jitqies bħala twil iżżejjed, għax 'the reasonable of the duration of proceedings covered by Art. 6 (...) must be assessed in each case according to the circumstances' (Konig vs Germany), madankollu meta ż-żmien prima facie jidher twil, bħal ma indubbjament huwa fil-każ tal-lum, ikun imiss għall-istat intimat li juri li kien hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw dan id-dewmien" (Santilli vs Italy, 19 ta' Frar, 1991, (ECHR, A 194-D)";*

*Illi inoltre fis-sentenza datata 14 ta' Novembru tas-sena 2002, fl-ismijiet '**Central Mediterrenean Development Corporation Limited vs Avukat Ġenerali**', il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u awturi barranin li saħqu li sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux raġonevoli, hemm bżonn li jiġu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti:*

(a) *Il-komplessità tal-każ;*

(b) *L-imġiba tal-Qorti;*

(c) *L-imġiba ta' min ikun qed jagħmel il-lament.*

*Illi meta wieħed iqiegħed iċ-ċirkostanzi tal-każ u ż-żmien rilevanti għal ilment tal-esponenti u jkejjilhom mal-kriterji hawn fuq imsemmija, wieħed ma jistax jasal għall-fehma li kien hemm dewmien ġustifikabbli fis-smigħ ta' dan il-każ jew li tali dewmien huwa ġustifikat;*

*Illi inoltre l-esponenti jagħmlu referenza għar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Silvio Zammit' deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) li kienet tittratta sitwazzjoni simili u ċioé dewmien allegatament inġustifikat li qed jiġi kkawżat fil-proċeduri għall-kumpilazzjoni tax-xhieda kontra l-istess Silvio Zammit, b'riżultat tal-insistenza tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħħar xhud li jonqosha, ċertu Inge Delfosse, minkejja li jirriżulta li dan ix-xhud oltre li tirrisjedi barra minn Malta, qiegħda tirrifjuta li tixhed fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent. Illi l-Qorti Kostituzzjonali pprovdiet b'dan il-mod:*

> *'24. Magħdud il-konsiderazzjonijiet fuq magħmulin, kif ukoll il-konsiderazzjonjiet fis-sentenza appellata rigward id-dewmien ġenerali biex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi tagħha – li magħhom din il-Qorti taqbel pjenament – m'hemmx dubju li ż-żmien li laħaq għadda mill-bidu tal-proċess kriminali sakemm il-prosekuzjoni finalment iddeċidiet li tara kif ser tressaq l-aħħar xhud tagħha, huwa diġà wieħed eċċessiv meħud qies tal-fatturi kollha kkunsidrati mill-ewwel Qorti fil-qafas tad-dewmien. Ferm il-premess, din il-Qorti tqis li d-deċiżjoni fis-sentenza appellata li t-trapass ta' żmien bejn Diċembru 2012 sal-lum biex il-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha 'huwa żmien twil iżżejjed u ċertament mhux raġonevoli sabiex jiġu konklużi dawn il-provi.'*

*Illi finalment l-esponenti jagħmlu referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet 'John Bugeja vs Avukat Ġeneral et' deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju ta-sena elfejn u tlieta (2003), liema sentenza ġiet appellata, fejn il-Qorti ordnat l-iskarċerazzjoni tar-rikorrenti John Bugeja stante d-dewmien fil-proċeduri;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *TIDDIKJARA illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li qiegħed jittieħed fil-kumpilazzjoni u sabiex jiġu ddikjarati konklużi l-proċeduri kriminali surriferiti, leda u qiegħed iledi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tagħhom, hekk kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. *TAKKORDA rimedju effettiv u tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti xierqa u neċessarji sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponenti kif hawn fuq indikat.*

Rat ir-Risposta tal-**Avukat Ġenerali** (minn issa ’l quddiem “l-intimat”), li ġiet ippreżentata fis-6 ta’ Settembru, 2018, li biha eċċepixxa:

*Illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

1. *Illi l-ewwel u qabel kollox, sabiex persuna tkun tista’ tiġi akkużata b’reat, il-Prosekuzzjoni trid dejjem tara li jkollha f’idejha provi suffiċjenti. Huwa veru li fil-każ li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti kien hemm dewmien sabiex ir-rikorrenti jiġu mressqa, iżda dan ma sarx b’kapriċċ iżda proprju sabiex isiru investigazzjonijiet ulterjuri li huma tant essenzjali f’dan il-kamp. Meta imbagħad il-Pulizija rat li kien hemm suspett raġonevoli sabiex ir-rikorrenti setgħu jitressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, il-Pulizija ġustament ħadet l-azzjoni meħtieġa skont il-liġi u ressqet lir-rikorrenti quddiem il-Qorti;*

2. *Huwa minnu wkoll li l-Prosekuzzjoni fadlilha biss li tressaq lil Richard Grech li l-każ tiegħu ser jiġi deċiż fil-31 ta’ Ottubru 2018, jiġifieri x-xahar id-dieħel. Dan ix-xhud baqa’ ma tressaqx fil-każ tar-rikorrenti sabiex ma jinkriminax ruħu u ma jippreġudikax il-pożizzjoni tiegħu u dan minħabba li għad hemm proċeduri pendenti kontrih;*

3. *Illi huwa naturali li każijiet ta’ din ix-xorta jieħdu xi żmien sabiex jiġu deċiżi għaliex il-każ huwa kkumplikat minnu nnifsu tenut kont tal-fatt li hawn qed nittrattaw każ ta’ qtil kiesaħ u biered; iżda barra minn hekk, tajjeb li jiġi nnutat li meta l-każ ta’ Richard Grech kien fl-appell, fi stadju fejn suppost il-provi jkunu magħluqa, l-avukat tiegħu kien talab sabiex ikun hemm video enhancement ta’ CCTV footage, liema talba ġiet opposta mill-Avukat Ġenerali. Kien hemm ukoll bdil ta’ mħallfin u tal-avukat tal-akkużat li xi ftit tawlu l-proċeduri kontra Richard Grech;*

4. *Ta’ min isemmi wkoll li l-każ ta’ Richard Grech ilu għas-sentenza mill-2011 u f’dawk il-proċeduri tressaq rikors min-naħa tal-Prosekuzzjoni sabiex il-każ jingħata prijorità. Iżda wara dan ir-rikors, il-Qorti wieġbet permezz ta’ digriet, li minħabba pressjoni ta’ xogħol kienet qed tiċħad it-talba;*

5. *Minkejja dan, fil-preżent qegħdin fi stadju fejn il-każ ta' Richard Grech ser jiġi deċiż ix-xahar id-dieħel u konsegwentement, ix-xhieda ta' Richard Grech ser tinstema' fil-futur qarib u l-kwistjoni għandha tieqaf hemm;*

6. *Illi għal kull buon fini, xieraq li jiġi mfakkar li fil-verbal tal-14 ta' Settembru, 2016 (kopja tal-verbal tinsab hawn mehmuża u mmarkata bħala 'Dok. AG1') il-partijiet qablu li peress li l-aħħar rekwiżit f'din il-kumpilazzjoni kien ix-xhud Richard Grech, ma kellhomx jidhru għad-differimenti li kienu se jingħataw u dan sakemm l-appell ta' Richard Grech jiġi deċiż. Issa mill-verbali rriżulta li xi drabi r-rikorrenti xorta waħda baqgħu jidhru, iżda dan sar di buona volontà tagħhom għaliex kienu diġà jafu li l-preżenza tagħhom ma kinitx meħtieġa u dan skont il-verbal ta' nhar l-14 ta' Settembru, 2016. Illi għalhekk ir-rikorrenti qed jippruvaw jiżvijaw lill-qorti meta qed isostnu li ilhom għal dawn l-aħħar sentejn jitilgħu l-Qorti għal xejn bħallikieku l-qbil imsemmi qatt ma ntlaħaq;*

7. *Illi kull każ irid jiġi eżaminat għalih u f'dawn is-sitwazzjonijiet, każijiet li m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-każ preżenti, bħal dawk imsemmija fir-rikors tar-rikorrenti, ma jistgħux jintefgħu fl-istess keffa u jitqiesu bħallikieku huma identiċi jew simili;*

8. *Ir-rikorrenti jsemmu li biex jiġi determinat jekk is-smigħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, iridu jitqiesu t-tliet fatturi li ġejjin: il-komplessità tal-każ, l-imġiba tal-qorti u l-imġiba ta' min ikun qed jagħmel il-lament. Iżda kif ġie mgħallem tajjeb fil-kawża* ***Francis Theuma vs Avukat Ġenerali*** *(Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Ġunju, 2003):*

   *'S'intendi, dawn il-kriterji jiġu applikati għall-każ konkret u mhux fl-astratt, b'mod għalhekk li għandu jiġi eżaminat sew il-proċess li jkun qed jiġi allegat li jagħti lok għall-ksur lamentat. Ma hemmx, għalhekk, xi perijodu pre-determinat, applikabbli għal kull każ, li jekk jinqabeż ikun hemm ksur minħabba dewmien mhux raġonevoli.'*

9. *Għalhekk, dak li ntqal sa issa għandu jidderieġi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrent ma hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni msemmija u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promutur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2018 ir-rikorrenti ppreżentaw nota b'għadd ta' verbali meħudin mill-atti tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud) *vs.* James Vella u Christopher Scerri**'[1], fosthom il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Settembru, 2016, fejn kien ġie ddikjarat:

> "Il-partijiet jaqblu li sakemm jiġi deċiż l-appell fil-konfront ta' Richard Grech u ġialadarba dan hu l-aħħar rekwiżit f'din il-kumpilazzjoni hemm qbil li l-imputati ma jidhrux għad-differimenti li se jingħataw u dan sakemm l-appell ikun deċiż u għalhekk Richard Grech ikun jista' jixhed u dan salv ukoll il-ħtieġa li jidhru f'każ li jkun hemm bżonn li jinstema' xi xhud ieħor."

Permezz ta' nota ppreżentata waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2018, l-intimat Avukat Ġenerali ppreżenta kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Richard Grech**[2], mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2018 mill-Qorti tal-

[1] *A fol.* 18 *et seq.* tal-proċess.
[2] *A fol.* 89 tal-proċess.

Apell Kriminali (Sede Superjuri), fejn ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u l-piena mogħtija minnha.

Permezz tal-istess nota[3] l-intimat iddikjara li l-uniku xhud li kien għad fadal jixhed fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti odjerni, Richard Grech, issa jinsab f'pożizzjoni li jiddeponi u dan minħabba li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu kienu ġew fi tmiemhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Ir-rikorrenti jsostnu illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li qiegħed jittieħed fil-kumpilazzjoni u sabiex l-imsemmija proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti jiġu ddikjarati konklużi, illeda u qiegħed jilledi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[4] u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.[5] Ir-rikorrenti jsostnu li l-fatt li l-proċeduri kriminali kontrihom inbdew erbatax-il sena wara li seħħ ir-reat, u l-fatt li l-Prosekuzzjoni ilha sentejn tinsisti għal rinviju sakemm tasal il-ġurnata li fiha Richard Grech ikun jista' jiddeponi mingħajr ma jinkrimina ruħu, huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

---

[3] *A fol.* 89 tal-proċess.

[4] Art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea: "Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ parzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi."

[5] Art. 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta: "Kull meta xi ħadd ikun akkużata b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti **smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli** minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."

L-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju huwa li tistħarreġ jekk, kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Santilli *vs.* L-Italja**, l-Istat intimat weriex li kien hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw id-dewmien imsemmi.[6]

Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Pulizija li tressaq il-Qorti persuni allegatament implikati f'omiċidju erbatax-il sena wara li seħħ il-każ, ma kinitx deċiżjoni li ttieħdet b'kapriċċ, iżda kif spjega ben tajjeb l-intimat, f'każ daqstant kumpless il-Pulizija riedet tassigura li kellha f'idejha l-aqwa provi biex setgħet tipproċedi kontra l-persuni li hi dehrilha li setgħu kienu implikati fil-qtil ta' Alphonse Ferriggi. Kif ġie ritenut kemm-il darba anki mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, wieħed mid-dmirijiet ewlenin li għandha l-Pulizija Eżekuttiva bħala organu tal-Istat, huwa li tagħmel dak kollu possibbli biex tistħarreġ ir-reat mwettaq, tressaq lill-persuni li jirriżultalha li jistgħu jkunu implikati fir-reat quddiem l-organu ġudizzjarju kompetenti, u finalment li tagħmel dak kollu li tista' sabiex tassisti lill-Qrati sabiex jaslu biex jirriżolvu l-vertenza li tkun ippreżentat quddiemhom. Fis-sentenza fl-ismijiet **Neumeister *vs.* L-Awstrija**[7], intqal illi l-awtoritajiet tal-Pulizija huma responsabbli prinċipalment:

> "for taking every measure likely to throw light on the truth or falsehood of the charges."

Fil-mori ta' din il-kawża ġie stabbilit ukoll li Richard Grech, il-persuna li x-xhieda tagħha ma setgħetx tinstema' qabel ma jinqata' l-appell pendenti li kellu, issa jista' jixhed stante li l-każ tiegħu ġie finalment deċiż fil-31 ta' Ottubru, 2018, u għalhekk issa m'għad hemm l-ebda ostakolu għas-smigħ ta' dan ix-xhud, li wara kollox kellu kull jedd li jipproteġi ruħu milli jinkrimina lilu nnifsu bix-xhieda tiegħu stess.

---

[6] 19.02.1991, (ECHR, A 194-D).
[7] 27.06.1968., (ECHR).

Il-Qorti qieset ukoll il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Settembru, 2016 fl-atti tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud) *vs.* James Vella u Christopher Scerri**'[8], fejn il-partijiet kienu qablu li sakemm jinqata' l-appell fil-konfront ta' Richard Grech u dan ikun f'pożizzjoni li jista' jiddeponi, ir-rikorrenti odjerni ma jkollhomx għalfejn jidhru quddiem il-Qorti. Għalhekk jekk ir-rikorrenti ħassew li xorta waħda kellhom jidhru quddiem il-Qorti, dan għamluh għaliex riedu huma, stante li huma ilhom jafu bir-raġuni għalfejn l-imsemmi xhud ma setax jinstema'.

F'deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Ian Farrugia *vs.* Avukat Ġenerali et**[9], il-Qorti stabbiliet illi:

> "Irid jibda sabiex jingħad illi fi proċess kriminali, si tratta mil-libertà jew ġieħ tal-persuna akkużata, u għalhekk hu importanti, forsi ftit aktar minn fi proċess ċivili, illi l-proċeduri ma jitwalux aktar milli hu neċessarju." (Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili 3 ta' Lulju, 2008, **David Marinelli *vs.* Avukat Ġenerali et**). Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna, hemm 3 kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex il-Qorti tiddeċiedi jekk iż-żmien li fih ġie deċiż il-każ kienx wieħed raġonevoli jew le, kif mitlub mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, ċitati hawn fuq. Dawn huma:
>
> 1. **In-natura jew il-komplessità tal-każ inkwistjoni**:
>
> Fl-eżami jekk kienx hemm ksur kostituzzjonali u konvenzjonali li jeħtiġilha tagħmel il-Qorti, hu li ma għandhiex tikkonsidra biss iż-żmien li ħadu l-proċeduri li minnhom jilmenta r-rikorrent, għaliex huwa aktar importanti li wieħed jara u jeżamina eżatt x'kien il-mertu tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Kwindi, il-Qorti għandha tara jekk il-kawża kinitx xi waħda kkumplikata jew diffiċli sabiex tiġi deċiża. Huwa rilevanti wkoll in-numru ta' xhieda li kellhom jinstemgħu;

[8] *A fol.* 18 *et seq.* tal-proċess.
[9] 14.12.2012.

2. **Il-kondotta tal-partijiet fil-kawża**:

Il-Qorti jeħtiġilha tara jekk ir-rikorrent stess ikkontribwixxiex għal dan l-allegat dewmien fil-proċeduri. Jekk ir-rikorrent kien b'xi mod responsabbli għal xi dewmien li seta' kien hemm, allura l-Istat ma jistax ikun responsabbli għal dewmien li huwa attribwibbli għall-aġir tar-rikorrenti.

3. **Il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess**:

Hawnhekk għandu jiġi speċifikat li kull Qorti għandha l-obbligu li tiżgura li l-kawża quddiemha timxi b'ċertu spedetezza (vide sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-14 ta' Marzu, 2002, fl-ismijiet **George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et**, ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal,

"Però jibqa' l-fatt li parti mill-funzjonijiet u doveri ta' kull ġudikant hu proprju li jara u jassigura li x-xogħol assenjat lilu jimxi b'mod normali u raġonevoli. Hu għandu jara li kawżi quddiemu jiġu deċiżi bi speditezza u fi żmien raġonevoli, u li ma jħallix numru ta' kawżi jakkumulawlu inutilment. ...'

Kwindi, kull ġudikant għandu jiżgura li jkun hemm spedetezza xierqa għar-rigward tal-kawżi assenjati lilu u li dawn jiġu deċiżi fi żmien raġonevoli għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, u in ottemperanza mal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **John Bugeja *vs.* l-Avukat Ġenerali et**[10] intqal li:

"Biex wieħed jasal għal deċiżjoni jekk kawża nqatgħetx fi żmien raġonevoli jew le, wieħed irid iqis il-fattispeċie u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fosthom 'the complexity of the case, and ... the conduct of both the applicant and the competent authorities (Buchholz vs Germany, 06/05/1981 para. 49), kif ukoll 'the importance of what was at stake for the applicant in the litigation' (Gast & Popp vs Germany, 25/02/2000 para. 70)."

[10] Q.K., 11.08.2003.

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frydlender *vs* France**[11], il-Qorti stabbiliet illi:

> *"... the 'reasonableness' of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and with reference to the following criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant, and of the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute."*

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kemm-il darba ppronunzjat ruħha dwar il-fatt li r-raġonevolezza taż-żmien trid tiġi evalwata b'riferiment għaċ-ċirkostanzi tal-każ, u għalhekk l-evalwazzjoni li trid tagħmel il-Qorti hija waħda relattiva u speċifika għall-każ inkwistjoni. Hekk pereżempju, f'referenza li saritilha mill-Qrati fl-Italja fil-kawża **Scordino *vs.* L-Italja**[12] dwar x'għandu jitqies li hu terminu 'raġonevoli', il-pożizzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet li:

> *"Concerning the question of exceeding a reasonable time, it reiterates that regard must be had to the circumstances of the case and the criteria laid down in the Court's case-law."*

Hu għalhekk evidenti li l-Qorti trid tevalwa l-provi prodotti quddiemha fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, sabiex tiddetermina jekk il-lanjanzi tar-rikorrenti jistħoqqilhomx jiġu indirizzati fid-dawl tal-protezzjoni maħsuba taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea jew le.

Il-Qorti tqis li mill-provi ppreżentati mir-rikorrenti stess, ma jidhirx li kien hemm xi tul ta' żmien li mhux ġustifikat, xi delungar bla bżonn jew xi talbiet għal differimenti mhux ġustifikati da parti tal-organu tal-Istat li qiegħed imexxi l-Prosekuzzjoni, li fi żmien sentejn ressaq ix-xhieda kollha, ħlief wieħed, li kien hemm bżonn li jinstemgħu b'rabta ma' każ fejn għadd ta' persuni qegħdin jiġu implikati fil-qtil kiesaħ u biered ta' Alphonse Ferriggi. Fadal biss li jinstema'

[11] 27.06.2000, (ECHR).
[12] 29.03.2006, (ECHR).

xhud wieħed, li diġà sar il-ġuri tiegħu b'rabta mal-każ, liema xhud ma setax jinstema' qabel ġie konkluż l-appell pendenti li kellu, u dan għaliex ix-xhud għandu dritt li ma jinkriminax ruħu b'xhieda li jintalab jagħti. Jidher li dan il-punt tekniku kien diġà ġie spjegat lir-rikorrenti, tant li f'udjenza minnhom ġew mgħarrfa li ma kellhomx għalfejn jibqgħu jidhru quddiem il-Qorti minħabba li x-xhud Richard Grech ma setax jinstema' qabel jinqata' l-appell tiegħu. Jirriżulta wkoll li l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali għamel dak kollu li seta' sabiex l-appell ta' Richard Grech ma jdumx ma jinqata', u għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li kien hemm xi delungar mhux raġonevoli min-naħa tal-Prosekuzzjoni. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li fil-31 ta' Ottubru, 2018 l-appell li kellu pendenti Richard Grech inqata' u għalhekk issa m'hemm l-ebda xkiel għas-smigħ tax-xhud Richard Grech mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, u din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita li l-Qorti Struttorja mhix ser tisma' lix-xhud inkwistjoni fi żmien raġonevoli. Li kieku r-rikorrenti lmentaw mill-fatt li x-xhud baqa' ma nstemax għal tul ta' żmien irraġonevoli minkejja li l-appell tiegħu ġie finalment deċiż, f'dak il-każ din il-Qorti kienet tieħu pożizzjoni kemxejn differenti, iżda ladarba ġie ppruvat li sar dak kollu li seta' jsir sabiex fl-ewwel lok jiġu stabbiliti l-fatti marbuta maċ-ċirkostanzi tal-każ, u ladarba d-dewmien biex jinstema' l-uniku xhud li fadlilha l-Prosekuzzjoni mhux dovut għal xi nuqqas tal-organi tal-Istat, il-Qorti ma tqisx li jeżisti l-ksur li qegħdin jilmentaw minnu r-rikorrenti.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddikjara illi mill-provi sottomessi ma jirriżultax li kien**

**hemm xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għar-rigward tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

**L-ispejjeż tal-kawża a karigu tar-rikorrenti.**

Moqrija.